**13 ta' April, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Virgilio Dario Ciancio

*versus*

Francis Camilleri

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Appell — Kwistjoni ta' Dritt — Bini Ġdid.**

*Jekk f'sentenza tal-Board tal-Kera jingħad li si tratta minn bini ġdid, u xejn iżjed, bla ma jingħad l-għala, il-Board ikun għamel sempliċi konstatazzjoni ta' fatt bla ma jkun qata' ebda punt ta' dritt.*

*Il-fatt li l-provi li saru quddiem il-Board setgħu talvolta ma kienux suffiċjenti biex iwasslu għal dik il-konstatazzjoni, ma jammontax għal deċiżjoni ta' punt ta' dritt fis-sentenza, iżda jista', l-aktar l-aktar, jikkostitwixxi apprezzament errat tal-provi; u dan mhuwiex sindakabbli mill-Qorti tal-Appell, u ma jagħtix lok għall-appell.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih Virgillio Dario Ciancio talab quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jiġi fissat il-"fair rent" tal-fond numru 43 Parish Street Muscat Square,

Ħamrun, li huwa jikri minn għand l-intimat Francis Camilleri;

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tal-15 ta' Jannar 1959, li biha l-kera tal-fond in kwistjoni ġie fissat £30 fis-sena, billi qal li l-fond kien bini ġdid; u ordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Ciancio, li appella minn dik is-sentenza, u talab ir-revoka tagħha u ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-intimat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi, is-sentenzi tal-Board huma appellabbli fuq punt ta' liġi maqtugħ fis-sentenza;

Fis-sentenza in kwistjoni, il-Board qal li l-post hu bini ġdid, u xejn iżjed, bla ma qal l-għala; u b'hekk ġie li għamel sempliċi konstatazzjoni ta' fatt bla ma qata' ebda punt ta' dritt;

Il-fatt li l-provi li saru quddiem il-Board setgħu, kif isostni l-appellant, ma kienux suffiċjenti biex iwasslu għal dik il-konstatazzjoni, ma jammontax għal deċiżjoni ta' punt ta' dritt fis-sentenza, iżda jista', l-aktar l-aktar, jikkostitwixxi apprezzament errat tal-provi; u dan mhuwiex sindakabbli minn din il-Qorti, għax ma jagħtix lok għall-appell;

Għal dawn ir-raġunijiet; il-Qorti taqta' l-kawża billi tiddikjara irritu u null l-appell tal-appellant Ciancio; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra tiegħu.